**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 10 ta' Dicembru, 2020.**

**<u>Rikors nru: 71/2020 AGV</u>**

**A sive B C**
**Vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors Guramentat ta' A sive B C gia E fejn esponiet is-segwenti:-**

1. Illi l-kontendenti huma divorzjati u dan wara li fl-2013 bdiet kawza ta' separazzjoni bejniethom quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet inversi (Rik. Gur. 15/13 RGM).

2. Illi tali kawza kienet tikkontjeni s-soliti talbiet ghax-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti gia' veljanti bejn il-partijiet.

3. Illi matul il-gbir tal-provi, dina l-Onorabbli Qorti appuntat lill-Avukat Mark Simiana bhala perit legali sabiex jigbor u jirrelata dwar il-kawza.

4. Illi l-perit legali sema', gabar provi u rrelata dwar il-htija tal-firda, il-kura u l-kustodja tal-ulied, il-manteniment u l-access tal-ulied, manteniment ghall-esponenti, il-likwidazzjoni u l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti u d-dekadenza.

5. Illi matul il-gbir tal-provi, irrizulta li l-attur (konvenut odjern) kellu pretensjoni ghall-kumpens ghat-tkeccija kontra s-socjeta' Smart City Malta Ltd. Meta dan xehed quddiem l-istess Perit Legali hu stqarr li din il-kwistjoni kienet ghadha sub judice quddiem it-Tribunal Industrijali. Fil-fatt, fis-seduta mizmuma nhar it-2 ta' Marzu, 2015 ( a fol. 923 tal-process tal-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija), l-attur (konvenut odjern) in kontro-ezami stqarr hekk:-

   ***"Naqbel li jien ghandi kaz pendenti kontra Smart City Malta Limited dwar tkeccija ngusta, ossia constructive dismissal. Il-kaz ghadu ghaddej quddiem it-Tribunal Industrijali. Mistoqsi nghid illikwidajtx il-pretensjoni tieghi f'dak il-kaz, nghid li ma niftakarx ghax il-kaz ilu ghadu ghaddej u ilna xi 6 xhur jew aktar ma nidhru l-Qorti. Nimpenja ruhu li nivverifika sas-seduta li jmiss.***

6. Illi ma kien hemm ebda sottomissjonijiet ulterjuri da parti tal-attur Antoine Portelli tant li fis-sentenza finali taghha tas-27 ta' April, 2017 kopja ta' liema sentenza qed tigi annessa u mmarkata "Dok.A," fir-rigward tal-

vertenza kontra Smart City Malta, din l-Onorabbli Qorti ddisponiet kif gej:-

***"Dwar l-azzjoni li l-attur qed jiehu kontra Smart City Malta Limited ghall-kumpens relattiv, tali azzjoni tirreferi ghaz-zmien meta bejn il-partijiet kien hemm vigenti l-komunjoni tal-akkwisti. Fl-eventwalita' li l-attur ikollu success f'dik il-kawza u jinghata kumpens, tali kumpens jifforma parti mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet ezistenti fiz-zmien li fih l-attur qed jallega li gie mkecci ngustament. Ghalhekk kwalunkwe kumpens li talvolta Smart City Malta Limited tigi kkundannata li thallas ghandu jigi diviz bejn iz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.***

7. Illi minn tali sentenza l-attur (konvenut odjern) interpona appell.

8. Illi waqt li kienet qed tipprepara r-risposta tal-appell taghha, l-esponenti saret taf li kuntrarjament ghal dak li kien xehed l-attur zewgha – din il-kwistjoni kienet giet transatta waqt il-proceduri ta' separazzjoni kienu ghadhom pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti.

9. Illi l-esponenti giet a konoxxenza tal-fatt li nhar is-26 ta' Jannar, 2015 - u cioe' tlett xhur qabel ma kien xehed fil-kawza ta' separazzjoni dwar il-kwistjoni ma' Smart City Malta Limited – it-tilwima quddiem it-Tribunal Industrijali kienet diga' transatta. Minn verbal tas-26 ta' Jannar, 2015 tal-kaz numru 2752/MF fil-kwistjoni tax-xoghol bejn Antoine Portelli u Smart City Malta Limited quddiem it-Tribunal Industrijali gie vverbalizzat dan li gej:-

***Wara korrispondenza elettronika datata 23 ta' Jannar, 2015, mibghuta mill-Avv. Andrew Borg Cardona ghar-rikorrenti fejn peress li ntlahaq ftehim bonarju talab li l-kaz jigi kkancellat.***

Kopja tal-verbal tas-seduta jinsab anness u mmarkat "Dok.B"

10. Illi billi l-esponenti kienet ghadha fit-terminu tar-risposta interponiet appell incidentali mis-sentenza.

11. Illi fis-sentenza li tat l-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Mejju, 2019 dejjem fl-ismijiet inversi, kopja ta' liema sentenza qed tigi annessa u mmarkata "Dok. C," gie ritenut dan li gej:-

***"L-appell incidentali huwa fir-rigward ta' dhul li l-appellata (Merthis Portelli) qed issostni li ppercepixxa l-appellant fir-rigward ta' kawza li kellu quddiem it-Tribunal Industrijali u li kienet gia giet deciza fil-mori tal-kawza quddiem l-Ewwel Qorti. Fil-fatt, anke s-sentenza appellata taghmel referenza ghal din il-vertenza f'pagna 36 tas-sentenza u tghid li d-dhul ghandu jinqasam bejn il-partijiet."***

L-appellat incidentali (Antoine Portelli) hawnhekk jirribatti billi jiccita xi sentenza li jghidu li l-provi ghandhom jitressqu biss quddiem l-Ewwel Qorti u huwa biss fejn il-parti ssir taf b'xi zvilupp gdid wara l-ewwel sentenza li tkun tista' ttella' provi godda, jopponi ukoll ghall-produzzjoni tad-dokument ezebit mar-risposta u l-appell incidentali minn fejn irrizulta li l-appellat incidentali ttransiga l-vertenza li kellu ma' Smart City (Malta) quddiem it-Tribunal imsemmi.

Il-Qorti ma tistax ma tikkundannax l-agir tal-appellant principali u appellat incidentali f'dan ir-rigward ghaliex jirrizulta mill-atti u li huwa ttransiga l-kawza msemmija fis-26 ta' Jannar, 2015 filwaqt li xahrejn qabel (fit-2 ta' Marzu, 2015 (sic) xehed li kellu kaz pendenti u qal li dak il-kaz kien ghadu ghaddej. Kwindi huwa palesament ma qalx il-verita' u pprova jisgwida lill-Qorti u lill-appellata li ma kellha ebda mezz biex tkun taf li huwa kien ga thallas mill-ex employer tieghu. Dan it-tip ta' atteggjament qatt ma jista' jigi agevolat mill-Qorti u ghalhekk dina l-Qorti se tilqa' dan l-aggravju.

12. Illi ghar-rizoluzjoni ta' dina l-kwistjoni, l-Onorabbli Qorti tal-Appell ordnat lill-appellat incidentali (konvenut odjern) ihallas nofs dak ir-rikavat li jkun irid jigi likwidat f'gudizzju separat.

13. Illi nhar il-11 ta' Lulju, 2019, l-esponent tramite l-avukat sottofirmat, kitbet lill-konvenut u interpellatu sabiex entro gimgha javzaha tramite l-avukat tieghu kif bihsiebu jipprocedi dwar il-hlas dovut lill-esponenti mill-vertenza li kellu ma' Smart City Malta Ltd. Kopja ta' din l-ittra qed tigi annessa u mmarkata "Dok.D."

14. Illi minkejja t-trapass taz-zmien, sal-lum l-intimat baqa' moruz.

15. Illi hu minn ewl id-dinja li filwaqt li l-esponenti ilu sa mill-2016 igawdi l-frottijiet tas-somma li hu gabar u din kif se jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-din il-kawza tant li nvesta fi proprjeta' immobiljari, l-esponenti mhijiex f'qaghda li takkwista d-dar ghaliha u minflok spiccat tabita ma' ommha peress li dak spettanti lilha approprja ruhu minnu l-istess intimat li l-Onrabbli Qorti tal-Appell taghtu certifikat li gideb meta xehed dwar din il-kwistjoni.

16. Illi jsegwi li l-esponenti qed isoffri danni waqt li l-konvenut qieghed jarrekkixxi ruhu frott id-dizonesta tieghu konfermata mill-fatt li xehed dak li mhux minnu fil-mori tal-kawza ta' separazzjoni quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

17. Illi jigi rilevat li wara li ressqet kwerela lill-Pulizija, l-Avukat Generali ta n-nolle prosequi billi skond l-Avukat Charles Mercieca (sa dakinhar addett mal-Ufficcju tal-Avukat Generali) ma kienux jissussitu l-elementi tar-reat ta' spergur minkejja s-sentenza surriferita tal-Onorabbli Qorti tal-Appell.

18. Illi b'digriet tat-28 ta' April, 2020, dina l-Onorabbli Qorti ordnat l-ispedizzjoni ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 47/2020 fuq rikors tal-esponenti sabiex tikkawtela l-pretensjoni odjerna waqt li b'digriet iehor tat-13 ta' Mejju, 2020 dejjem fuq rikors tal-esponenti, din l-Onorabbli Qorti ordnat l-ispedizzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni numru 48/2020 (Dok. E) sabiex izomm l-istess intimat milli jbiegh l-unika proprjeta' immobiljari li ghandu ossia 40% ta' bicca art u milli jaggravaha ulterjorment bid-djun.

19. Illi l-unika triq li ghandha l-esponenti hija li tipprocedi bl-odjerna kawza.

Illi r-raguni ta' din it-talba hi li l-esponenti hija kreditrici tal-konvenut ta' nofs somma li huwa ppercepixxa minn Smart City Malta Limited in linea ta' transazzjoni ta' vertenza ta' natura industrijali u li skond is-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tas-27 ta' Frar, 2017 (Rik./ Gur. 15/13 RHM) fl-ismijiet inversi, kif ikkonfermata fl-appell, il-konvenut odjern gie ordnat ihallas nofs dak ir-rikavat li jkun irid jigi likwidat f'gudizzju separat – ossia l-kawza odjerna li kellha ssir peress li dan baqa' inadempjenti minkejja s-sentenza tal-Qorti tal-Appell li ma setghetx tkun aktar cara fic-censura taghha fil-konfront

tal-konvenut u billi l-esponenti qed issofri danni minhabba dan l-agir tal-konvenut, qiedgha titlob il-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett, illi prevja d-dikjarazzjonjiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tillikwida s-sehem dovut mill-konvenut lill-attrci mis-somma li l-istess konvenut ippercepixxa minn Smart City Malta Limited in segwitu ghat-tilwima tax-xoghol li kellu fil-konfront tal-istess socjeta', liema tilwima ngiebet quddiem it-Tribunal Industrijali fil-kwistjoni tax-xoghol bejn DE konfermat mas-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti tas-27 ta' April, 2017 u tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-31 ta' Mejju, 2019 fl-ismijiet inversi.

2. Tordna lill-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata.

3. Tiddikjara li bl-agir tieghu l-konvenut irreka danni lill-esponenti.

4. Tillikwida l-ammont hekk dovut in linea tad-danni.

5. Tordna lill-konvenut ihallas l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjes inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 47/2020 u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 48/2020 fl-istess ismijiet u bl-imghax, kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Guramentata ta' DE** li eccepixxa s-segwenti:-

1. Fl-ewwel lok, in linea preliminari din l-Onorabbli Qorti ma hijiex dik kompetenti sabiex tidderimi t-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet rikorrenti, dan ghaliex il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti hija arginata fil-Leg. Suss 12.19 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprekluduha milli tiehu qies tal-imsemmija tielet, raba' u hames talbiet rikorrenti.

2. Fit-tieni lok, ukoll in linea preliminari, izda minghajr pregudizzju ghall-premess it-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet rikorrenti huma improponibbli ai sensi tal-Art.1139 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fit-tielet lok, ukoll in linea preliminari, izda minghajr pregudizzju ghall-premess l-ewwel u t-tieni talbiet rikorrenti huma ormai preskritti ai sensi tal-art. 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Fir-raba' lok, ukoll in linea preliminari, izda minghajr pregudizzju ghall-premess l-ewwel u t-tieni talbiet rikorrenti huma ormai preskritti ai sensi tal-Art. 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Fil-hames lok, fil-mertu, izda minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet kollha rikorrenti huma kemm legalment u kif ukoll fattwalment insostenibbli biex b'hekk jibqghu nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif se jirrizulta waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri, skond il-htiega u b'rizerva cara ghal kull azzjoni spettanti lill-esponenti skond ic-cirkostanzi.

Bl-ispejjes kollha kontra r-rikorrenti, illi tinsab minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet tal-partijiet, kif ukoll is-sentenzi hemm citati.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attrici qieghdha titlob lil dina l-Qorti sabiex tillikwida l-ammont ta' danni li rrekalha l-konvenut, meta zamm mistur li hu kien ittransiga l-kawza quddiem it-Tribunal Industrijali kontra l-employer tieghu Smart City Malta Ltd. u bhala konsegwenza kien ircieva somma flus, li kien investa fi proprjeta' immobiljari.

Illi ghalhekk l-attrici ssostni li kienet qed issofri danni u qed titlob lil dina l-Qorti biex tinghata risarciment taghhom.

Il-konvenut eccepixxa n-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Qorti li tiddeciedi t-tielet, raba' u anke l-hames talbiet attrici, stante li l-kompetenza ta' dina l-Qorti hija arginata fil-Legislazzjoni Sussidjarja 12.19 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprekludiha milli tiehu qies tal-imsemmija tielet, raba' u hames talbiet attrici.

Kif ben iccita l-konvenut, il-Legislazzjoni Sussidjarja 12.19 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-Ordni Dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Civili, fir-Regolament 4 taghha taqra:-

"Lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghandhom jigu assenjati dawk il-kawzi li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili u li ghandhom x'jaqsmu ma':-

(a) It-Titoli I, II u IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili;

(b) L-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta' digrieti ta' manteniment;
(c) L-Att dwar l-Esekuzzjoni Reciproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment ;
(d) L-Att dwar iz-Zwieg;
(e) L-Att Dwar is-Sekwestru u l-Kustodja tal-Minuri.

Talba ghall-likwidazzjoni ta' danni rizultanti minhabba allegat qerq da parti tal-konvenut ma jinkwadrax ruhu fl-ebda minn dawn il-kawzi li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

Jekk l-attrici hassitha ppregudikata mill-azzjonijiet tal-konvenut, li ried jeliminalha d-dritt taghha minn sehem is-somma flus li kien jispetta lilha, waqt li kienu fil-mori tal-proceduri tas-separazzjoni, kien hemm zgur ir-rimedju tal-*actio pauliana*, izda minflok ghazlet li tmexxi b'appell incidentali mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell datat 31 ta' Mejju, 2019 li kien ipprezenta l-konvenut.

Inghad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell deciza nhar il-15 ta' Jannar, 2002 fl-ismijiet **Marco Bongailas -vs- John Magri et** illi:

'il-kliem "kreditur" u "debitur" fl-artikolu 1144 huma kjarament termini generici wzati fis-sens l-aktar generali u wiesgha tal-kelma biex jikkomprendu kull min kien dahal f`xi obbligazzjoni hi x`hini favur terzi. Hija biss rifless tal- principju bazilari tad-dritt li kull min jikkontratta ma` haddiehor kellu jezegwixxi l-obbligazzjoni tieghu fil-massima buona fede. Kif sewwa jenuncjaw il-guristi rumani "pacta sunt servanda" u "fraus omnia corrumpit". Ghalkemm kien hemm zmien meta dan ir-rimedju kien moghti biss lil min ikun titolari ta` kreditu pekunjarju, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-20 ta` Novembru 1950 fil-kawza "Ciancio vs Buontempo"

(Kollez. Vol. XXXIV.III.851) bidlet id-direzzjoni tal-gurisprudenza fis-sens illi tat ir-rimedju lil mara mizzewga li riedet timpunja att ta` zewgha.'

L-attrici tikkontendi li dina l-kawza hija accessorji ghall-azzjoni principali u cioe' l-kawza ta' separazzjoni u stante li m'hemmx qbil dwar il-kompetenza, il-kwistjoni ghandha tigi riferita lil Prim'Imhallef li ghandu jiddeciedi permezz ta' digriet in camera, fejn ghandha tinstema' dina l-kawza u dan skond ir-Regolament 8 tal-L.S. 12.09.

Is-sottomissjoni tal-konvenut li dina l-kawza hija accessorja ghall-azzjoni principali treggi minhabba l-fatt li gie stabbilit li l-attrici ghandha tircievi sehemha mis-somma li rcieva l-konvenut minhabba l-proceduri li istitwixxa minhabba tkeccija ngusta. Li qed tikkontendi l-attrici hija li hija ghandha kreditu favur taghha, li l-konvenut ipprova jaghraq biha fil-proceduri tas-separazzjoni, minkejja li semma' li kellu kawza quddiem it-Tribunal Industrijali, izda ghazel li ma jsemmix li kien ittransatta l-kawza, tant hu hekk li fis-sentenza moghtija mit-Tribunal fis-27 ta' April, 2017 gie deciz hekk:-

***« Ghalhekk kwalunkwe kumpens li talvolta Smart City Malta Limited tigi kkundannata li thallas ghandu jigi diviz bejn iz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom. »***

Il-vertenza giet rizolta fis-sentenza li nghatat fil-31 ta' Mejju, 2019 fejn il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet hekk :-

***« Il-Qorti ma tistax ma tikkundannax l-agir tal-appellant principali u appellat incidentali f'dan ir-rigward ghaliex jirrizulta mill-atti u li huwa ttransiga l-kawza msemmija fis-26 ta' Jannar, 2015 filwaqt li xahrejn***

***qabel (fit-2 ta' Marzu, 2015) (sic) xehed li kellu kaz pendenti u qal li dak il-kaz kien ghadu ghaddej. Kwindi huwa palesament ma qalx il-verita' u pprova jisgwida lill-Qorti u lill-appellata li ma kellha ebda mezz biex tkun taf li huwa kien gia' thallas mill-ex employer tieghu. »***

Illi per konsegwenza l-Qorti tal-Appell ordnat lill-appellat incidentali (konvenut) ihallas nofs dak ir-rikavat li jkun irid jigi likwidat f'gudizzju separat.

Peress li l-eccezzjoni li qiedgha titratta dina l-Qorti hija dwar kompetenza mhux ser tidhol fil-mertu o meno dwar it-talba ghal-likwidazzjoni, pero' ma tistax lanqas tinjora din it-talba ghal kollox peress li hi relatata u allaccjata mat-talbiet l-ohra.

Bl-azzjoni taghha, l-attrici qiedgha ukoll timpunja l-fatt li b'rizultat tal-att tal-konvenut u cioe' l-kreditur, hija *qua* debitrici qed issofri diminuzzjoni fil-patrimonju taghha li tkun ta' pregudizzju ghad-drittijiet tal-kreditur, liema att jkun irrenda lill-istess debitur insolvibbli jew aktar insolvibbli.

L-awtur **Ricci** fil-ktieb tieghu **Corso di Diritto Civile** (p. 232 u p. 243) jikwalifika bhala pregudizzju:

***'Il danno pertanto o pregiudizio che i creditori debbono risentire dall`atto compiuto dal debitore, non puo` consistere in altro se non nella diminuzione della guarentigia ad essi accordata, diminuzione che compromette la esigibilita` dei loro crediti.'***

Id-danni per se ma jistghux jigu kkwantifikati u likwidati minn dina l-Qorti u dan meta jirrizultaw bhala effetti ta' obbligazzjonijiet li ma gewx onerati.

Il-konvenut kien gie ordnat ihallas sehem l-attrici mis-somma li rcieva wara transazzjoni li sehhet mal-employer tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali u baqa' inadempjenti.

Jekk hemm jew jezistu danni rizultat ta' non ottemperanza ma' obbligi gudizzjarji zgur li ma jistgux jigu assenjati lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) biex tillikwidahom u tassenjahom, izda jidher li l-Qorti kompetenti hija l-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Ciononostante, minhabba li l-ewwel zewg talbiet jirrispekkjaw talbiet relatati mal-komunjoni tal-akkwisti u l-ahhar tlett talbiet huma kkontestati minhabba l-inkompetenza tal-Qorti, ikun opportun li immedjatament dina l-kawza tigi riferita lill-Prim'Imhallef biex jiddeciedi *in camera* dwar liema sezzjoni ghandha tigi assenjata l-kawza. Di fatti, kienu l-partijiet stess fis-sottomissjonijiet verbali li ghamlu riferenza ghar-Regolament 8 tal-LS 12.19 sabiex din il-Qorti, jekk hekk jidhrilha, tirreferi dan in-nuqqas ta' qbil lill-Prim Imhallef, u dan anke ghall-ekonomija tal-gudizzju u biex jigu evitati spejjez ulterjuri bla bzonn liz-zewg partijiet.

Ghaldaqstant il-Qorti tordna n-notifika ta' dina s-sentenza preliminari lill-Prim'Imhallef kif ukoll l-istess process jintbaghat quddiem l-istess Prim'Imhallef ghall-istess digriet in camera.

L-ispejjez ghandhom jigu rizervati ghall-gudizzju finali.

**Hon. Mr. Justice Anthony J. Vella** **Registrar**